# Kunsill Lokali Mellieħa

## Rapport Annwali Amministrattiv

**2013**

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l- Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 14 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 17 |
| Ir-Rapport tal-Uditur u l-'Financial Statements' | 19 |

Is-sena 2013 kienet taħbat il-ħames u l-aħħar waħda fil-mandat tas-sitt Kunsill. Billi l-elezzjoni kienet f'Marzu, l-ewwel kwart tagħha kien amministrat mis-Sitt Kunsill, filwaqt li b'effett mill-1 ta' April beda l-mandat tiegħu l-Kunsill attwali. Din is-sena kienet waħda kkaratterizzata bil-konklużjoni ta' diversi proġetti kapitali, kemm f'dawk li huma xogħlijiet, kif ukoll pagamenti relatati magħhom.

Il-mira ewlenija tal-Kunsill baqgħet li jżomm l-infrastruttura li taqa' fir-responsabilita` tiegħu fl-aħjar stat possibbli, filwaqt li jiżviluppa postijiet ta' rikrejazzjoni ġodda bil-għan li jtejjeb il-kwalita` tal-ħajja tar-residenti, u l-wirt storiku li forsi mhux minn dejjem konna napprezzawħ. Nemmnu li b'din l-istrateġija għandna nattiraw aktar nies lejn il-lokalita` tagħna, inkluż it-turisti. Dan għandu jattira aktar investiment mill-privat li finalment għandu jtejjeb l-ekonomija tal-Mellieħa in ġenerali, inkluż l-impjiegi. Il-proġetti li twettqu fl-aħħar xhur, bħal dak tar-restawr tal-Għajn tal-Mellieħa u l-*floodlighting* tal-Knisja tal-Manikata, fost oħrajn, huma ntiżi proprju biex jilħqu dan il-għan.

Sabiex il-Kunsill jidħol għal dawn l-inizjattivi, li jmorru lill'hinn mill-obbligi stabbiliti fil-ligi dwar il-Kunsill Lokali, kien jeħtieġ finanzjament oltre l-allokazzjoni annwali mogħtija mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill sfrutta sorsi finanzjarji, kemm governattivi lokali, kif ukoll programmi tal-Unjoni Ewropea. Huwa important ferm li l-Kunsill jimmassimizza l-introjtu tiegħu biex ma jillimittax l-attivitajiet tiegħu għall-obbliġi statutorji tiegħu biss.

Fl-2013, il-Kunsill attwali irnexxielu jtemm il-proġetti kapitali mnedija minn dak preċedenti, kemm f'dak li huwa xogħol kif ukoll ħoloq mekkaniżmu biex dawn jiġu amministrati, bħal fil-każ tal-Park tal-Familja u l-*Heritage Trail* Ta' Selmun u l-Imġiebaħ. Bit-twettieq ta' aktar proġetti kapitali qed kull ma jmur tiżdied l-ispiża rikorrenti biex dawn ma' jiġux traskurati.

John Buttigieg
**Sindku**

| 2.1 Il-Kunsill | Attendenza għal laqgħat |
|---|---|
| **Il-Kunsillieri (Sitt Kunsill – 01/01/2013 – 31/03/2013)** | |
| Is-Sur Robert Cutajar – Sindku | 80% |
| Is-Sur Emvin Bartolo – Viċi Sindku | 100% |
| Is-Sur Joseph Azzopardi | 80% |
| Is-Sur Clayton Bartolo | 80% |
| Is-Sur John Buttigieg | 80% |
| Is-Sur Patrick Cutajar | 75% |
| Is-Sur Hilary Fenech<br>(Note: Bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Marzu 2013, il-Kunsill iltaqa' ħames darbiet.) | 80% |
| **Il-Kunsillieri (Seba' Kunsill – 01/04/2013 – 31/12/13)** | |
| Is-Sur John Buttigieg –-Sindku | 100% |
| Is-Sur Clayton Bartolo – Viċi Sindku | 100% |
| Is-Sur Joseph Attard | 100% |
| Is-Sur Emvin Bartolo | 100% |
| Is-Snr Annabelle Brincat Stellini | 100% |
| Is-Sur Patrick Cutajar | 100% |
| Is-Sur Hilary Fenech | 85% |
| Is-Sur Joseph Gauci | 100% |
| Is-Sur Dario Vella<br>(Note: Bejn l-1 ta' April 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill iltaqa'tlettax-il darba) | 100% |

**L-Impjegati**

Is-Sur Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sinjura Marica Azzopardi - Uffiċjal fi Skala 11

Is-Sinjura Marvic De Bono – Uffiċjal fi Skala 15

Is-Sinjura Yvonne Muscat – Uffiċjal fi Skala 15

Is-Sur Jonathan Micallef – Uffiċjal fi Skala 15

Is-Sur Stephen Borg – Uffiċjal Eżekuttiv issekondat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali

Is-*set-up* li ġie stabbilit fl-ewwel seduti tas-Seba' Kunsill, li beda l-mandat tiegħu fl-1 ta' April 2014 ġew assenjati r-reponsabilitajiet lill-Kunsillieri kif jidher fl-organigram mogħtija aktar 'il quddiem. Differenza mill-mod kif kien jiġri fl-ewwel snin tal-Kunsill il-ħidma ma baqgħetx daqshekk dipendenti fuq is-sotto-kumitati. Kien għalhekk li l-Kunsill attwali ħalla wkoll ir-responsabilitajiet direttament f'idejn il-Kunsillieri ndividwali. B'dan il-mod, ma kien hemm xejn li jżomm il-Kunsillieri milli jikkonsultaw ma' persuni jew organizzazzjonijiet esperti f'xi qasam partikulari, sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom.

Minkejja dan, kumitat li l-ħidma tiegħu kienet waħda kontinwa huwa t-*Tender Adjudication Board* li matul l-2014 iltaqa' għaxar darbiet. Dan il-Bord huwa kompost minn persuni professjonali jidħol fl-evalwazzjoni tal-offerti u jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill. Il-Bord ittratta kuntratti li jvarjaw mill:

- Xiri ta' poloz ta' assikurazzjoni li jkopru l-operat tal-Kunsill;
- Servizz ta' Tindif ta' Toroq Urbani;
- Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku;
- Servizz ta' Kustodju għall-Park tal-Familja;
- Installazzjoni ta' sistema dwar CCTV fl-Irziezet ta' Selmun;
- Studju dwar is-sitwazzjoni tal-biomass li jiġi ġġenerat f'Malta, Ragusa u Siracusa bħala parti mill-Proġett PIM EnergEthica ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm operattiv Italia/Malta;
- Servizz dwar il-Ġbir ta' Skart Goff; u
- Kiri ta' Tinda b'rabta mal-attivitajiet ta' Milied Mellieħi 2013.

Biex ilaħħaq mal-esiġenzi amministrattivi li tinvolvi l-ħidma li dejjem qed tinfirex f'oqsma varji, b'effett minn April 2013, il-Kunsill beda jiffunzjoni bis-*set-up* li jidher hawn taħt:

**Il-Kunsill**

**Is-Sindku**

**Is-Segretarju Eżekuttiv**

**Uffiċjal fi Skala 11**

**Tliet Uffiċjali fi Skala 15**

**Uffiċjal issekondat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

***Contracts Manager*** fuq l-operazzjoni tal-Kunsill in ġenerali

**Sitt ħaddiema assenjati** mill-IPSL u mill-ETC

**Uffiċjal Awtorizzat** fuq materji li jinvolvu l-Infurzar tal-Liġi

**Contract Manager** fuq il-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ

**Contract Manager** fuq Proġetti ta' *Road Resurfacing*

**Is-Sindku J. Buttigieg**
Finanzi, *Bye-Laws*, Koperazzjoni mal-Għaqdiet, Sejħiet għall-Offerti, *Chairman Adjudication Board*, estimi u pjan ta' ħidma, *Contracts Manager,* Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, trattament tal-ilmenti, *Quality Service Charter*, proġetti kapitali, Grupp Azzjoni Majjistral, Park tal-Majjistral, Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar.

**Il-Viċi Sindku C. Bartolo**
Attivitajiet popolari, programmi tal-Unjoni Ewropea, informazzjoni u konsultazzjoni pubblika, fuljett tal-Kunsill, Jum il-Kunsill, relazzjoni mal-għaqdiet tal-lokalita`, komunita` ta' residenti barranin, membru sostitut fuq il-Kumitat Reġjonali, membru fuq it-*Tender Adjudication Board*.

**Il-Kunsillier J. Attard**
Ħarġiet kulturali għall-anzjani, żvilupp u assistenza soċjali, saħħa pubblika, persuni ta' terza eta`, persuni b'diżabilita`, avvanz tal-mara, aċċessibilta`, parkeġġ speċjali, Dar tal-Anzjani, Ċentru ta' Matul il-Jum, Berġa, ċimiterji, miżuri ta' sigurta`, familja, tfal u *child care centre*.

**Il-Kunsillier E. Bartolo**
Trasport pubbliku, *bus stops, bus shelters,* sinjali u tabelli tat-traffiku, *crash barriers*, parkeġġi u skemi ta' ipparkjar, immaniġġjar tat-traffiku, reklamar fuq għamara tat-toroq, *neighbourhood watch*, Pulizija u Għassa tal-Pulizija, permessi u Gwardjani Lokali, delegat tal-Kunsill fuq il-Kumitat Reġjonali, infurzar tal-liġi, kordinazzjoni dwar il-Festa tal-Vitorja, u membru fuq it-*Tender Adjudication Board*

**Il-Kunsillier A. Brincat Sellini**
Programmi edukattivi, fora edukattivi, skola, sala tal-komunita`, librerija pubblika, Fiera tal-Ktieb, korsijiet ta' tagħlim, ġemellaġġi, servizz ta' internet Wi-Fi, Avventura Sajf (flimkien mal-Kunsillier H. Fenech); pubblikazzjoni Ħannieqa Kulturali, u attivitajiet kulturali

**Il-Kunsillier Patrick Cutajar**
Komunita` kummerċjali, *self-employed*, garaxxijiet industrijali, turiżmu, tindif ta' bajjiet u l-kosta, aċċess u sigurta` fil-bajjiet, żoni għall-ikkampjar u caravans, proġetti nfrastrutturali ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

**Il-Kunsillier Hilary Fenech**
Relazzjonijiet internazzjonali u *Youth Programmes*, żgħażagħ, Avventura Sajf (flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini), użu ta' faċilitajiet sportivi, avvenimenti sportivi u l-Animal Fest

**Il-Kunsillier Joseph Gauci**
Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Korporazzjoni Enemalta; GO plc, Melita Cable, tismija ta' toroq u numri tal-bibien, talbiet dwar devoluzzjoni, ġonna pubbliċi, *playing fields, belvederes,* u tisbieħ tal-lokalita`.

**Il-Kunsillier Dario Vella**
Trejqiet rurali, żoni ta' rikjrejazzjoni fil-kampanja ħitan tas-sejjieħ, imtieħen tar-riħ, ġiren, mollijiet, *slipways*, l-ambjent, afforestazzjoni, Proġett Foresta 2000, kampanji ta' tindif, tisbieħ ta' turġien, tindif ta' toroq mhux urbani, skart domestiku, skart goff, latrini pubbliċi, vetturi abbandunati, *bring-in sites*, ħarsien tal-annimali, Proġett tat-Tunnara, restawr ta' bini storiku, *Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ, enerġija alternattiva, xelters, mużew tal-għodda tal-biedja, sajd u snajja tradizzjonali.

### 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Fil-perjodu April/Diċembru 2013, il-Kunsill kien ferm kawt li ma jidħolx f'*committments* ġodda sakemm onora dawk prevalenti. Minkejja dan is-sitwazzjoni fl-ebda punt ma kienet waħda ta' defiċit. Bil-għan ma tiġix affettwata l-likwidita`, intlaħaq ftehim mal-kredituri biex il-pagamenti jsiru gradwalment u hekk ma tiddagħajjifx il-likwidita` li tista' taffettwa pagamenti marbuta man-nefqa rikorrenti. Bl-effett ta' din il-miżura, is-sitwazzjoni finanzjarja tjiebet b'mod sinifikanti, partikularment meta daħlu fondi dovuti mill-Gvern Ċentrali, relatati mal-Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (€35,558); Ġnien Ħidmet il-Volontarjat (€14,745); il-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (€77,913); Iljieli Melleħin u Milied Mellieħi 2012 (€20,000). Il-Kunsill approfitta minn dan iż-żmien biex iħejji proġetti ġodda.

<u>**Titjib ta' Toroq**</u>

Tliet snin ilu dħalna f'*private public partnership* li jorbot il-Kunsill, il-Gvern Ċentrali, flimkien mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd biex jitwettaq ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier, li kien jinvolvi wkoll il-kostruzzjoni ta' bankini. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Gvern Ċentrali ffinanzja 30% tal-ispiża totali, filwaqt li l-Kunsill qed jagħmel tajjeb għall-bqija permezz tal-fondi ordinarji tiegħu. Nistgħu ngħidu li permezz ta' dan il-*partnership*, il-Kunsill qed jissellef somma flus li tintradd lura fuq medda ta' disa' snin. L-ewwel fażi ta' dan il-proġett tlestiet f'Ġunju 2011 u swiet €379,000, filwaqt li t-tieni u l-aħħar fażi tlestiet f'Ġunju 2012 u swiet ftit aktar minn €357,000. Iż-żewġ fażijiet kienu jinvolvu l-parti bejn Triq Ta' Msid sal-Ponta tal-Aħrax. Bejn is-snin 2014 u 2020, il-Kunsill għad fadallu jgħaddi kwart ta' miljun Ewro lill-kuntrattur.

Min-naħa tagħha, Transport Malta temmet il-kostruzzjoni ta' partijiet minn Triq il-Wied Ta' Ruman u Triq il-Marlozz, u Triq il-Barkazza kollha. Il-Kunsill ħa l-opportunita` biex jagħmel ir-*resurfacing* tal-parti ta' fuq ta' Triq il-Wied Ta' Ruman li kienet għadha bil-wiċċ tal-qatran. Dan kien jinvolvi t-tkomplija ta' *retaining wall* rustiku sal-livell tat-triq, flimkien mal-bankini. Fil-każ ta' Triq il-Barkazza sar *service ducts* għat-titjib tad-dwal tat-toroq li jrid isir aktar 'il quddiem.

## Dwal tat-Toroq

Il-Kunsill kiseb finanzjament ta' ftit inqas minn €39,000 permezz tal-Fond għat-Titjib Urban amministrat mill-MEPA, biex jiffinanzja introduzzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri, Triq il-Pont u Triq Ta' Fuq il-Widien, wara li saru d-*ducts* taħt art. Għamel it-tħejjijiet u vvota €96,200 biex jiġu ntrodotti skemi ta' dwal ġodda fi Triq Ta' Taħt l-Irdum u fil-parti ċentrali ta' Triq Għajn Żejtuna. Fl-aħħar żewġ każi jeħtieġ li jsiru *ducts* fil-bankini eżistenti bil-għan li jkun jista' jgħaddi l-*cable* minn taħt l-art. Is-sitwazzjoni tad-dwal f'Santa Marija Estate tjiebet b'mod sinifikanti, għalkemm ikun għad fadal toroq li jeħtieġu jiġu trattati.

## Żvilupp ta' Postijiet ta' Rikrejazzjoni

Fi Frar 2011 ġie inawgurat Ġnien Ħidmet il-Volontarjat fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*. Dan il-ġnien dam ħafna mingħajr dawl, iżda wara li ġew milħuqa r-rekwiżiti kollha, u finalment inħareġ il-*complaince certificate* mill-MEPA. Il-punti li kellhom jiġu trattati kienu jinvolvu l-pendil ta' rampa għal persuni b'diżabilita` u t-tliet *pedestrian crossings* li hemm illum. Fl-aħħar xhur ukoll ġiet installata s-sistema tal-irriġazzjoni li ma setgħatx issir mingħajr l-elettriku. Il-ksib tal-*compliance certificate* kien importanti wkoll biex il-Kunsill jieħu l-aħħar pagament ta' €14,700 mis-somma li kien għad fadallu jdaħħal mill-Fond għat-Titjib Urban, li huwa amministrat mill-istess MEPA.

Is-Seba' Kunsill qed jippjana l-iżvilupp ta' post ieħor ta' rikrejazzjoni fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*, preċiżament fil-qatgħa li hemm bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Għasel. Din hija art li tappartjeni lill-Kurja, li skont il-Pjan Lokali ma tista` tintuża għal xejn ħlief għal skop ta' rikrejazzjoni. Ġie innegozjat ftehim mal-Kurja biex l-art tiġi mgħoddija lill-Kunsill b'titolu ta' *commodatum*, li ma jinvolvi ebda piż finanzjarju, ħlief għall-implementazzjoni tal-proġett innifsu u għall-manutenzjoni li tiġi wara. Sadanittant saret sejħa pubblika għall-proposti dwar kif għandha tiġi żviluppata din l-art. Ċerti aspetti mit-tliet disinji sottomessi ġew addottati u approvati mill-Kunsill u tressqet applikazzjoni lill-MEPA. Il-proġett huwa stmat li jiġi jiswa madwar €330,000.

Comment [CD1]: €328,876.71

Għalkemm ix-xogħol fuq il-Park tal-Familja ntemm tard fl-2012, kellu jsir xogħol fl-art tal-multi-*purpose court*, biex jiġi eliminat diffett li kien hemm fil-*membrane* tal-art li kien qed jikkawża dħul tal-ilma fid-*dressing rooms* li hemm taħt. Ma kienx ikun f'loku li post illi huwa daqshekk iffrekwentat mill-pubbliku, jitħalla espost għall-vandaliżmu jew użat ħażin. Għaldaqstant b'effett minn Settembru 2013 ġie ntrodott servizz ta' kustodju sabiex jara li ma jsirx dan, kif ukoll li l-faċilitajiet kollha li fiħ dan il-kumpless jinżammu fi stat tajjeb ta' indafa. Għalkemm dan is-servizz qed jingħata matul parti sostanzjali mill-ġurnata, mhux possibbli li jingħata l-ħin kollu.

**<u>Ħarsien u Dgawdija tal-Wirt Storiku</u>**

Kmieni fl-2013 ġie inawgurat il-*heritage trail* li d-dħul tiegħu huwa minn Triq ir-Raded fil-Manikata. Dan jinvolvi r-restawr ta' ġiren, bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ, tabelli informattivi, eċċ. In-nefqa fuq dan il-proġett kienet tammonta għal €45,175.

Biex jikkumplimenta x-xogħlijiet li saru f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Kunsill jemmen li ċ-ċentru storiku għandu jkompli jiġi mżejjen bil-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni bil-*porfido* biex jiġi biċċa waħda mal-Bitħa tas-Santwarju u l-imsemmija pjazza. F'Novembru li għadda saret applikazzjoni mal-MEPA għall-permess.

Saru wkoll applikazzjonijiet mal-MEPA biex isir it-tindif tad-*Defence Post* tat-Tieni Gwerra Dinjija fi Triq l-Għollieqa, u oħra biex tiġi rrestawrata l-Għajn tal-Mellieħa u ħajt li qed iżomm it-taraġ li jgħaqqad Triq Dun Franġisk Sciberras ma' Triq il-Marfa. Saret ukoll applikazzjoni mal-MEPA dwar ir-restawr tat-Torri l-Abjad li ukoll waqa' fl-abbandun fl-aħħar snin. Il-Kunsill jemmen li biex dan il-proġett ikun sostenibbli, jeħtieġ li ssir sejħa pubblika għall-interess biex tinstab organizzazzjoni li tkun tista' tiftħu għall-pubbliku fuq l-istess linji li sar fil-każ tax-Xelter tat-Tieni Gwerra u l-Batterija ta' Westreme.

**Comment [CD2]:** €28,760.99

Il-proġett tal-*heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ wasal lejn tmiem l-implimentazzjoni tiegħu f'dak li huwa restawr. Il-proġett jinvolvi miġbħa antika li għadha wżata għat-

trobbija tan-naħal, żewġ *pill boxes* u *beachpost* tat-Tieni Gwerra Dinjija, kif ukoll it-tiswija tal-ilqugħ għall-ilma tax-xita li jinsab fil-Ballut tal-Imġiebaħ flimkien mal-kumpless ta' irżieżet li hemm quddiem il-Palazz ta' Selmun. Intensifikaw il-kuntatti mal-Fondazzjoni ARKEO bil-għan li tiftaħ dawn il-postijiet u tagħti tagħrif lill-pubbliku dwar is-sinifikat tagħhom. Dan huwa proġett kemmxejn estensiv u kien jirrikjedi finanzjament sostanzjali li stmat illi jlaħħaq 'il fuq minn €1,069,000 – spiża li tmur lill'hinn mill-mezzi li għandu l-Kunsill.

Comment [CD3]:
M313 - €679,882
M323 - €389,401
1,069,283

## L-Uffiċċju Amministrattiv

F'Diċembru 2012 sar l-aħħar pagament relatat max-xiri tal-fond li qabel kien is-sede tal-Mellieħa Sports Club. Attwalment għaddejjin xi xogħlijiet żgħar fuq il-kamra t'isfel, li possibilment tista' tintuża għall-attivitajiet li jsiru fl-uffiċċju, illi mhux neċessarjament marbuta mal-amministrazzjoni tal-Kunsill. L-ispiża, totali biex ġie akkwistat il-fond telgħet għall-€245,472 li saret gradwalment fuq medda sentejn u ħames xhur, filwaqt li l-ispiża tar-*refurbishment* hija stmata li tlaħħaq 'il fuq minn €110,000.

## Il-Manikata

Il-Kunsill jidhirlu li l-Manikata hija parti ntegrali fil-programm għall-iżvilupp u titjib tal-lokalita`. Għaldaqstant qed iħejji l-pjanti sabiex Misraħ il-Parroċċa quddiem il-Knisja ssir żona pedonali b'parkeġġ taħt l-art. Il-Kunsill jemmen li l-knisja tal-Manikata għandha tingħata l-importanza li jixirqilha billi ssir sistema ta' *floodlighting* madwarha – proġett li huwa stmat li tlaħħaq €65,000. L-istima telgħet daqshekk peress li huwa ppjanat illi jsir użu minn sistema ta' dwal bl-LED's, li hija l-aktar sistema ta' dwal effiċjenti u ekonomika fis-suq. Anke f'dan il-każ qed isiru l-kuntatti meħtieġa mal-MEPA u l-Enemalta sabiex dan il-proġett ikun jista' jitwettaq.

## Il-Qasam Sportiv

Ingħata kontribut fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet sportivi, bħalma hija l-Maratona tal-Atletika, fil-kompetizzjonijiet ta' sparar fuq il-plattini, il-*penalty shoot-out*, il-*league* li jsir qabel jiftaħ l-istaġun tal-futbol eċċ. Reġa ġie organizzat is-*Seaside Slam* fl-Għadira u *t-tournaments* tas-Snooker u l-American Pool. Kompla

jiġi attrezzat il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja sabiex jiġi prattikat il-volleyball u t-tennis. Sar arranġament sabiex it-timijiet tal-basketball u n-netball jagħmlu użu mill-multi-*purpose court* u d-*dressing rooms* tal-Park. Qed isir sforz biex individwi, lukandi u assoċjazzjonijiet sportivi jagħmlu użu mill-faċilitajiet eżistenti bi ħlas.

## Il-Ġemellaġġi u Attivitajiet Popolari

Kmieni fl-2013 ġrat il-mewt allarieda ta' Antonis Tsokkos – is-Sindku ta' Agia Napa, li hija waħda mill-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa. Antonis Tsokkos kien strumentali biex seħħ dan il-ġemellaġġ u għamel minn kollox biex iżommu attiv. Wieħed jittama li l-Kunsill immexxi mis-Sindku attwali Yiannis Karousos jagħtiħ l-istess appoġġ. Bejn id-19 u l-21 ta' April il-Kunsill tal-Mellieħa kien mistieden jieħu sehem fl-attivitajiet tal-*Via Sacra* li seħħew f'lokalita` tewmija oħra – dik ta' Adenau fil-Ġermanja. Hemmhekk il-Mellieħa kienet rappreżentata mill-grupp folkloristiku SIMAR, kif ukoll minn delegazzjoni uffiċjali mill-Kunsill.

F'Mejju 2013, ittellgħet attivita` Familja Fest 2013, flimkien maż-Żgħażagħ taċ-Ċentru Parrokkjali, li kienet tikkonsisti f'wirjiet ta' *pets*, annimali eżotiċi, u attrazzjonijiet għall-familja kollha. F'Ġunju saret il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ u Jum l-Ambjent, filwaqt li f'Settembru, l-lokalita` tagħna ikkontribwiet għall-*Car Free Day*, b'attivitajiet li saru fil-parti l-antika tal-Mellieħa. Jum l-Omm ġie mfakkar b'żewġ attivitajiet – waħda fis-Sala tal-Iskola u l-oħra fid-dar tal-anzjani. Għall-ewwel darba, matul ix-xhur tas-Sajf, ittieħdet l-inizjattiva "L-Arti fil-Misraħ" fejn numru ta' artisti u artiġġjani Melleħin ingħataw l-opportunita` li jkunu preżenti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II sabiex tinħoloq attrazzjoni għall-pubbliku li jkun preżenti hemm. Ideja li rnexxiet u hemm il-ħsieb li tkompli ssir. Ġew organizzati sitt ħarġiet kulturali, li f'każ wieħed minnhom anki kien hemm attendenza li laħqet 110 persuni.

Biex dawn l-attivitajiet ma jkunux ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill, rajna li niksbu għajnuna mill-Gvern Ċentrali permezz tal-iskemi li ġew introdotti għal dan il-għan, kif ukoll minn entitajiet privati. Naċċenna għall-fatt li bejn Jannar u Diċembru 2013 il-Kunsill ser ikun daħħal iktar minn €32,000 bħala *sponsorship* b'riżq l-attivitajiet li

**Comment [CD4]:**

| | |
|---|---|
| Iljieli Mellehin 12 | 10,000 |
| Milied Melliehi 12 | 10,000 |
| Local Ent. Award 13 | 10,000 |
| Car Free Day | 2,000 |

organizza - il-parti l-kbira taħt l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali, amministrata mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kultura u Gvern Lokali. Sfortunatament, billi l-Iljieli Melleħin jiġu f'Awwissu ma baqgħux eliġibbli għall-finanzjament ta' dan it-tip. Attivitajiet tal-kalibru bħal-Iljieli Melleħin u Milied Mellieħi jgħinu biex jitkattar il-kummerċ billi jiġu attirati nies minn barra il-lokalita` u t-turisti li jkunu fostna. Dan il-kontribut ġie rikonoxxut mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, bl-għoti tan-*National Enterprise Award* li kien jinvolvi premju ta' €10,000. Wieħed irid jaċċenna wkoll li jkun hemm għaqdiet, entitajiet kummerċjali u individwi, li għalhemm ma jikkontribwux bi flus, jagħtu sehemhom b'mezzi oħra biex dawn l-attivitajiet ikunu possibbli. In-nefqa fuq l-attivitajiet kulturali tinkludi wkoll l-iffinanzjar ta' programmi mogħtija mit-tliet għaqdiet mużikali Melleħin matul is-sena. Hemm ukoll l-involviment fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali u sportivi flimkien mal-għaqdiet tal-lokalita`.

Il-Kunsill attwali qed jevalwa l-posizzjoni dwar l-attivitajiet popolari ewlenin. Għalhekk qed jaħdem fuq l-ideja li minflok Milied Mellieħi ssir attivita` mużikali li permezz tagħha l-pubbliku jiltaqa' biex jiċċelebra l-bidu ta' sena ġdida f'Misraħ il-Parroċċa. Il-finanzjament ta' Milied Mellieħi m'għadux jitqies bħala sostenibbli minħabba li l-ispejjeż għall-kiri tal-faċilitajiet meħtieġa telgħu b'modd sinifikanti. Huwa maħsub ukoll li għall-ħabta tal-Għid isir Festival Internazzjonali tal-Mużika bil-parteċipazzjoni ta' talent barrani u dak lokali. Il-Kunsill talab fondi biex jorganizza dawn iż-żewġ avvenimenti taħt l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali.

## Finanzjament ta' Inizjattivi mill-Unjoni Ewropea

Importanti li l-iskambji ma' lokalitajiet barrani nkompluhom u nsaħħuhom. Għal dan il-għan, il-Kunsill fassal pjanijiet sabiex bejn is-7 u l-11 ta' Awwissu 2014 tiġi organizzata konferenza bit-tema *Bringing the EU Closer to the Local Communities,* fejn il-Kunsill ser ikun qed jospita` 'il fuq minn mitt delegat mil-lokalitajiet ta' Adenau fil-Ġermanja, Cavriglia, Casalborgone, Amata u Vecipierbalga fil-Latvia, Acquaviva Delle Fonte fl-Italja, Agia Napa f'Ċipru, Cugir fir-Rumanija. Diġa hemm fondi kommessi għal dan l-avveniment li jlaħħqu €17,000, permezz tal-Programm Kulturali tal-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency (EACEA)* tal-Unjoni Ewropea.

**Comment [CD5]:** €17,000

**Latrini Pubbliċi**

Il-kuntratt attwali dwar iż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi beda jaħdem f'Ottubru 2012. Is-Sajf tal-2013 kien l-ewwel prova iebsa għal dan is-servizz li minnha rriżultat il-ħtieġa li jkun hemm aktar attendenza frekwenti u fil-każ tal-latrini tal-Għadira (San Remo) u dik tal-Mixquqa (*Golden Bay*) u anke preżenza kontinwa ta' *attendant*. Oriġinarjament dan kien servizz issussidjat mill-Gvern Ċentrali, iżda dan twaqqaf u s-servizz beda jingħata mill-privat. Biex l-ispiża ma togħliex ħafna, il-Kunsill mar għall-għażla ta' attendenza limitata, iżda kien kostrett li jagħmel varjazzjoni fil-kuntratt biex itejjeb il-livell tas-servizz.

**Ġbir tal-Iskart**

F'dak li huwa ġbir tal-iskart organiku wieħed ma jistax jgħid li kien hemm problemi kbar għalkemm fis-Sajf kien hemm aktar pressjoni fuq il-kuntrattur biż-żieda fin-numru ta' residenti u turisti. Matul is-sajf il-Kunsill affaċċja problemi bil-ġbir tal-iskart reċiklabbli mill-bajja tal-Għadira u mill-area tal-*caravans* li hemm fl-istess bajja. Wara li għadda s-Sajf, il-kumpanija li tipprovdi s-servizz – Green MT Ltd – irtirat diversi *bring-in sites* fuq il-premessa li dawn kien qed jintrema fihom skart organiku li kien qed jikkawżalhom spejjeż addizzjonali, peress li l-kontenut tagħhom qed ikollu jinħatt fil-*landfill* tal-Għallis bi spiża ta' €20 it-tunnellata. Il-Kunsill jifhem din il-problema u ra kif jegħlibha flimkien mal-entitajiet kollha nvoluti.

**L-Edukazzjoni**

Il-Kunsill, bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali daħal fl-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, saru żewġ korsijiet fil-lingwa Maltija għall-Barranin. Bil-koperazzjoni ma' entita` privata, il-Kunsill issussidja korsijiet fl-użu tal-kompjuter għal nies ta' etajiet varji. Bil-kollaborazzjoni ma' entitajiet privati wkoll saru korsijiet nawtiċi, fl-*aerobics*, żfin eċċ.

**Servizzi fil-Komunita`**

Comment [CD6]: Servizz tal-minibus

Il-Kunsill huwa mpenjat fit-tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, kif ukoll fin-*Night Shelter* li jinsabu f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill iffinanzja xi attrezzi u attivitajiet li jseħħu f'dawn il-postijiet, kif ukoll għamel tajjeb għal servizz ta' tindif tal-aperturi tal-istess Ċentru. Il-Kunsill kien strumentali biex ġew ipprovduti attrezzi użati mill-i*speech therapist* li tattendi fil-Berġa. Tkomplew is-sessjonijiet tal-*keep fit* għal persuni anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u oħrajn, wara li dawn kienu twaqqfu għal xi żmien. Il-Kunsill qed jiffinanzja wkoll servizz ta' *minibus* għall-ġarr tal-anzjani minn djarhom għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u lura darbtejn fil-ġimgħa. Dan is-servizz beda f'Ottubru 2013.

Barra minn dan il-Kunsill ikkordina l-għoti tal-injezzjonijiet tal-influwenza lill-persuni li għandhom 'il fuq minn 55 sena. Ibbenefikaw minn dan is-servizz 770 persuna, li 64 minnhom kienu *bedridden*.

Kompla jingħata servizz mill-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali kull nhar ta' Ġimgħa mill-uffiċċju tal-Kunsill, bil-għan li wieħed ma jkollux għalfejn imur l-uffiċċju distrettwali tal-Qawra. Bħala parti mir-rinovar li għaddej fuq l-estensjoni tal-uffiċċju, ser jiġi pprovdut uffiċċju b'aktar privatezza b'*waiting area* miegħu, proprju għal min jagħmel użu minn dan is-servizz.

Servizz ieħor b'riżq il-komunita` huwa dak tas-*summer camp* imsejjaħ AvventuraSajf, għat-tfal bejn Kinder 1 sa Year 3, li ssaħħaħ permezz ta' għalliema u *learning support assistants* kwalifikati, mgħejjuna minn studenti universitarji mill-Fakolta` tal-Edukazzjoni u *helpers*. Il-proġett AvventuraSajf jibbenefikaw minnu ħafna ġenituri, partikularment ommijiet jaħdmu, li altrimenti jkollhom problema jagħmlu hekk fil-perjodu tas-sajf meta t-tfal ikunu bil-vaganzi. Ittieħdet din l-opportunita` biex it-tfal jitrawmu fl-użu tal-kompjuter permezz ta' kors addatat għalihom. Minbarra l-logħob u *crafts*, it-tfal ittieħdu fuq żjarat edukattivi barra mill-iskola. Għall-ewwel darba saret *Sports Day* li għalliha attendew fost oħrajn il-Ministru tal-Edukazzjoni u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Isports.

Minħabba li kull ma jmur il-livell qed jitjieb kull sena, inżamm in-numru ta' tfal li kien hemm fl-2012. Minkejja li dan is-servizz jingħata bi ħlas il-Kunsill jissussidjaħ, u din is-sena dan żdied sostanzjalment għal madwar madwar €3,000.

**Il-Qasam Letterarju**

Il-Kunsill beħsiebu jkompli bil-pubblikazzjoni ta' aktar kotba fis-sensiela Ħannieqa Kulturali. Ġie ffirmat kuntratt għall-issettjar u stampar tal-ktieb "*Wartime Mellieħa – The Role of the Village During the Second World War*" tal-awtur Mellieħi Charles Debono. Bis-saħħa ta' finanzjament min-naħa tal-Kunsill, qed jiġu ppubblikati xogħlijiet li forsi ma kinitx din l-inizjattiva kienu jibqgħu fuq l-ixkaffa. B'dan il-mod l-awtur ikollu s-sodisfazzjon li x-xogħol u r-riċerka li jkunu saru jinqasmu mal-qarrej.

## 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | a | b | a+b | c | d | (a+b)-d/d-(a+b) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI JAN-DIC Eur | 2013 MARBUTA JAN-DIC Eur | 2013 TOTAL JAN-DIC Eur | 2012 TOTAL Eur | 2013 ESTIMI JAN-DIC Eur | VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,156,515.00 | 0.00 | 1,156,515.00 | 1,105,526.00 | 1,130,889.00 | 25,626.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 34,566.00 | 0.00 | 34,566.00 | 51,739.00 | 21,150.00 | 13,416.00 |
| 0090 | L-Investiment | 9,029.00 | 0.00 | 9,029.00 | 9,973.00 | 5,000.00 | 4,029.00 |
| 0100 | Ġenerali | 16,830.00 | 0.00 | 16,830.00 | 17,815.00 | 113,750.00 | (96,920.00) |
| | TOTAL | **1,216,940.00** | **0.00** | **1,216,940.00** | **1,185,053.00** | **1,270,789.00** | **(53,849.00)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 118,784.46 | 0.00 | 118,784.46 | 113,945.00 | 118,993.04 | 208.58 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 680,896.00 | 0.00 | 680,896.00 | 625,303.00 | 801,549.68 | 120,653.68 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 768,944.00 | 0.00 | 768,944.00 | 1,291,143.08 | 852,133.00 | 83,189.00 |
| | TOTAL | **1,568,624.46** | **0.00** | **1,568,624.46** | **2,030,391.08** | **1,772,675.72** | **204,051.26** |
| | Bilanċ | **(351,684.46)** | **0.00** | **(351,684.46)** | **(845,338.08)** | **(501,886.72)** | **(257,900.26)** |

Noti:

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI JAN-DIC Eur | 2013 MARBUTA JAN-DIC Eur | 2013 TOTAL JAN-DIC Eur | 2012 TOTAL Eur | 2013 ESTIMI JAN-DIC Eur | VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,002,922.00 | | 1,002,922.00 | 995,309.00 | 990,312.00 | 12,610.00 |
| 0002 | Supplimentari | 21,312.00 | | 21,312.00 | 0.00 | | 21,312.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | 21,336.00 | | 21,336.00 | 2,900.00 | | 21,336.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 110,945.00 | | 110,945.00 | 107,317.00 | 140,577.00 | (29,632.00) |
| | | **1,156,515.00** | **0.00** | **1,156,515.00** | **1,105,526.00** | **1,130,889.00** | **25,626.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 21,607.00 | | 21,607.00 | 13,070.00 | 14,000.00 | 7,607.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 5,790.00 | | 5,790.00 | 5,510.00 | 5,700.00 | 90.00 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 0.00 | | 0.00 | 4,467.00 | 1,450.00 | (1,450.00) |
| 0070 | Fondi tal-Unjoni Ewropea | 7,169.00 | | 7,169.00 | 28,692.00 | 0.00 | 7,169.00 |
| | | **34,566.00** | **0.00** | **34,566.00** | **51,739.00** | **21,150.00** | **13,416.00** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 9,029.00 | | 9,029.00 | 9,973.00 | 5,000.00 | 4,029.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | 0.00 | 0.00 | | 0.00 |
| | | **9,029.00** | **0.00** | **9,029.00** | **9,973.00** | **5,000.00** | **4,029.00** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 16,275.00 | | 16,275.00 | 17,815.00 | 113,750.00 | (97,475.00) |
| 0141 | Insurance Claims | 555.00 | | 555.00 | 0.00 | | 555.00 |
| | | **16,830.00** | **-** | **16,830.00** | **17,815.00** | **113,750.00** | **(96,920.00)** |
| | **TOTAL** | **1,216,940.00** | **0.00** | **1,216,940.00** | **1,185,053.00** | **1,270,789.00** | **(53,849.00)** |

**Noti:**

## 4.3. L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettal

| | | a | b | a+b | c | d | d-(a+b) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI JAN-DIC Eur | 2013 MARBUTA JAN-DIC Eur | 2013 TOTAL JAN-DIC Eur | 2012 TOTAL Eur | 2013 ESTIMI JAN-DIC Eur | VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur |
| 1 | L-Infiq | | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 7,665.00 | | 7,665.00 | 8,905.00 | 10,055.25 | 2,390.25 |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 82,139.41 | | 82,139.41 | 78,892.00 | 82,114.35 | (25.06) |
| 1300 | Bonus | 7,507.27 | | 7,507.27 | 7,122.00 | 7,187.44 | (319.83) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,211.30 | | 1,211.30 | 1,191.00 | 1,211.00 | (0.30) |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 7,454.88 | | 7,454.88 | 7,604.00 | 7,125.00 | (329.88) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 1,361.79 | | 1,361.79 | 0.00 | | (1,361.79) |
| 1700 | Sahra | 1,164.81 | | 1,164.81 | 1,431.00 | 2,500.00 | 1,335.19 |
| 1800 | L-Onorarju tal-Kunsillieri | 10,280.00 | | 10,280.00 | 8,800.00 | 8,800.00 | (1,480.00) |
| | | **118,784.46** | **0.00** | **118,784.46** | **113,945.00** | **118,993.04** | **208.58** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/iEura/tel. etc.) | 15,310.00 | | 15,310.00 | 18,580.00 | 23,866.00 | 8,556.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 3,214.00 | | 3,214.00 | 4,326.00 | 4,500.00 | 1,286.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 140,188.00 | | 140,188.00 | 103,084.00 | 208,000.00 | 67,812.00 |
| 2400 | Kera | 4,330.00 | | 4,330.00 | 2,207.00 | 3,449.00 | (881.00) |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Inter/nazzjonali | 1,229.00 | | 1,229.00 | 344.00 | 900.00 | (329.00) |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 4,286.00 | | 4,286.00 | 9,866.00 | 9,400.00 | 5,114.00 |
| 2700 | Trasport | 3,912.00 | | 3,912.00 | 3,612.00 | 4,280.00 | 368.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 353.00 | | 353.00 | 821.00 | 3,800.00 | 3,447.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 9,232.00 | | 9,232.00 | 19,581.00 | 22,800.00 | 13,568.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 327,359.00 | | 327,359.00 | 311,266.66 | 345,700.00 | 18,341.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 22,806.00 | | 22,806.00 | 15,841.00 | 21,900.00 | (906.00) |
| 3200 | Taħriġ | 25,407.00 | | 25,407.00 | 24,100.84 | 16,400.00 | (9,007.00) |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 96,330.00 | | 96,330.00 | 61,864.10 | 106,100.00 | 9,770.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 16,545.00 | | 16,545.00 | 3,735.49 | 3,000.00 | (13,545.00) |
| 3600 | LES Spejjez tal-Infurzar Lokali | 932.00 | | 932.00 | 10,910.91 | 2,600.00 | 1,668.00 |
| 3700 | Progetti tal-Unjoni Ewropea | 6,514.00 | | 6,514.00 | 30,430.00 | 10,000.00 | 3,486.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 2,949.00 | | 2,949.00 | 4,733.00 | 14,854.68 | 11,905.68 |
| | | **680,896.00** | **0.00** | **680,896.00** | **625,303.00** | **801,549.68** | **120,653.68** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | 78,750.00 | | 78,750.00 | 123,973.00 | 78,750.00 | - |
| 7100 | Bini | 0.00 | | - | 0.00 | 0.00 | - |
| 7200 | Titjib | 89,475.00 | | 89,475.00 | 5,442.00 | 169,000.00 | 79,525.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 590.00 | | 590.00 | 1,144.00 | 2,400.00 | 1,810.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 600,129.00 | | 600,129.00 | 1,160,584.08 | 601,983.00 | 1,854.00 |
| | | **768,944.00** | **0.00** | **768,944.00** | **1,291,143.08** | **852,133.00** | **83,189.00** |
| | **TOTAL** | **1,568,624.46** | **0.00** | **1,568,624.46** | **2,030,391.08** | **1,772,675.72** | **204,051.26** |

## 6.1 HSBC Bank Savings Account

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **218,907.68** |
| Plus deposits made by 31/12/13 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/03/12 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **218,907.68** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **218,907.68** |
| Plus interest paid by 31/12/13 | € | - |
| Less charges paid by31/12/13 | € | - |
| **ok balance** | **€** | **218,907.68** |

## 6.2 HSBC Bank Current Account

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **1,164.69** |
| Plus deposits made by 31/12/13 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | 78,567.05 |
| **Net bank balance** | **-€** | **77,402.36** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **-€** | **77,402.36** |
| Plus interest paid by 31/12/13 | € | - |
| Less charges paid by31/12/13 | € | - |
| **Net bank book balance** | **-€** | **77,402.36** |

## 6.3 HSBC Bank Fixed Term Account - 3 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **58,234.34** |
| Plus deposits made by 31/12/13 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/03/03 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **58,234.34** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **58,234.34** |
| Plus interest paid by 31/12/13 | € | - |
| Less charges paid by31/12/13 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **58,234.34** |

## 6.4 HSBC Bank Fixed Term Account - 6 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **174,703.00** |
| Plus deposits made by 31/12/13 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **174,703.00** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **174,703.00** |
| Plus interest paid by 31/12/13 | € | - |
| Less charges paid by31/12/13 | € | - |
| **Net bank book balance** | **€** | **174,703.00** |

### 6.9 BOV Bank Fixed Term Account - 3 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **58,234.34** |
| Plus deposits made by 31/12/13 not appearing on bank statement | € | - |
| Less withdrawals made by 31/03/03 not appearing on bank statement | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **58,234.34** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **58,234.34** |
| Plus interest paid by 31/12/13 | € | - |
| Less charges paid by31/12/13 | € | - |
| **Net bank book balance** | | **€58,234.34** |

### 6.10 BOV Bank Fixed Term Account - 6 Months

| | | |
|---|---|---|
| **Bank statement balance** | **€** | **174,703.00** |
| Plus deposits made by 31/12/13 not appearing on bank statement | € | - |
| Less unpresented cheques | € | - |
| **Net bank balance** | **€** | **174,703.00** |

| | | |
|---|---|---|
| **Bank book balance as of** | **€** | **174,703.00** |
| Plus interest paid by 31/12/13 | € | - |
| Less charges paid by31/12/13 | € | - |
| **Net bank book balance** | | **€174,703.00** |

Total Net Balance € 674,046.58



____________________________ Carmel Debono – **Segretarju Eżekuttiv**

**Rapport Annwali tal-Uditur – Sena Finanzjarja 2013**